# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tletin (30) ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 40/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**Christian Callus**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u**
**l-Avukat ta' l-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 1 ta' Frar 2024, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi nhar it-8 ta' Marzu 2006 waqt li r-rikorrent kien fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta wara tfittixija li saret fuqu nstab li kellu fuq il-persuna tiegħu somma ta' sitta u għoxrin elf dollaru Amerikan ($26,000).*

    2. *Illi konsegwentement tressaq il-Qorti u ġie akkużat talli pprova joħroġ minn Malta somma ta' iktar mkinn Lm5,000 (€11,700) bi ksur ta' l-Avviż Legali ta' dak iż-żmien 463/2004 (Regolamenti tal-2004 dwar Rappurtaġġ ta' Ċaqliq ta' flus) ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233);*

    3. *Illi dakinhar is-somma sitta u għoxrin elf dollaru Amerilan ($26,000) ġiet ikkonfiskata.*

4. *Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali tas-16 ta' Ġunju 2010 (Appell Kriminali numru 35/2010) ġiet ikkonfermata sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2010 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1)(2)(3)(4)(5) ta' l-Avviż Legali 463 tas-sena 2004, liema regolament inżamm fis-seħħ bl-Avviż Legali 149 tas-sena 2007, u l-artikolu 23 tal-Kap. 446, ma sabitx lill-esponent ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha iżda sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' 6500 dollaru Amerikani skond kif kien il-kambju fit-8 ta' Marzu 2006 (ekwivalenti għal Lm 2219.26 u ekwivalenti għal €5193.08) liema multa tista' titħallas fi żmien 18-il xahar mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas tinbidel f'seba' xhur priġunerija. Dik il-Qorti ordnat il-konfiska tal-flus ippreżentati mill-uffiċjal Carmel J. Azzopardi;*

5. *Illi dak ir-reat kien jikkontempla żewġ sanzjonijiet kumulattivi, il-multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur tal-flus li jkunu jinġarru iżda wkoll l-konfiska tassattiva tal-flus mhux dikjarati li jeċċedu dak iż-żmien il-€5,000.*

6. *Illi r-rikorrent iqis illi dawn iċ-ċirkostanzi wasslu għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti kemm fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 korrispettiv tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

7. *Illi għal dak li jikkonċerna nuqqas ta' smigħ xieraq jingħad lir-rikorrent jilmenta mill-fatt li fir-rigward tal-qbid tal-flus li diġa seħħet, ir-rikorrent ma kellu l-ebda rimedju u ma kienet teżisti l-ebda proċedura li tippermetti lir-rikorrent jikkontesta dan il-qbid u jitlob ir-rilaxx tal-istess.*

8. *Illi għalhekk dan in-nuqqas ta' qafas legali jikkostitwixxi nuqqas ta' aċċess għall-Qorti, li huwa element essenzjali tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 korrispettiv tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

9. *Illi fir-rigward ta' ksur ta' dritt ta' propjeta', jingħad li element essenzjali ta' dan id-dritt huwa l-proporzjonalitá u l-bilanċ ġust bejn l-għan ta' xi liġi partikolari u s-sanzjonijiet imposti sabiex jiġu salvagwardjati l-interess pubbliku.*

10. *Illi f'dan il-kuntest l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Grifhorst v. France (App Numru: 28336/02) mogħtija nhar is-26 ta' Settembru 2009 fejn hemmhekk dik il-Qorti sabet vjolazzjoni propju għaliex l-applikant li ma kienx iddikjara ammont ta' flus meta daħal Franza, ġew*

*ikkonfiskati lilu kemm l-ammont ta' flus mhux dikjarat kif ukoll multa ekwivalenti għan-nofs ta' dak l-ammont. Din is-sentenza tinsab biss fil-lingwa Franċiża, iżda l-esponent ittanta jagħmel traduzzjoni tal-parti saljenti bl-Ingliż.*

*Illi dik il-Qorti rriteniet hekk :*

*"94. Remains to be seen whether the authorities in this case provided a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued. In other words, the Court must determine whether a fair balance has been struck between the demands of the general interest and the protection of fundamental rights of the individual, taking into account the margin of appreciation afforded to the State such matters*

*95. The Court is first attached to the conduct of the applicant. She notes that abstained, despite requests twice by customs to declare large sums he was carrying. In doing so, he knowingly violated the obligation laid down in Article 464 of the Customs Code, to declare the border crossing any amount exceeding a certain threshold (7 600 EUR at the time).*

*96. The Government also relies on the information provided by the Dutch authorities about the criminal activities of the applicant. In this regard, the Court notes that, according to fax the attached Customs Embassy of France in the Netherlands 29 January 1996, the applicant is "known legal services " to events dating back to 1983 (including threats, extortion, kidnapping and possession of firearm). According to the same attached fax of 23 April 1997, the only known activity is real estate and it is suspected by the Dutch police to use the front for money laundering.*

*97. However, the Court notes that it is not apparent from the record that the applicant has been subject to prosecution and conviction of the Chief or offenses (including drug trafficking), whether in the Netherlands or Andorra where he resides. The Court also observes that, in its conclusions before the criminal court, the customs administration acknowledged that the amount seized him was consistent with his personal fortune.*

*98. The only criminal behavior that could be held against the applicant is in the fact of not having declared the passage of the Franco- Andorran cash he was carrying. The Government has*

*also not claimed that the money would be transported from illicit activities or for such activities.*

*99. The Court therefore considers that the present case is distinguishable from similar cases it has heard so far, where forfeitures ordered by the domestic authorities were twofold: either they applied to the object of the offense (AGOSI Bosphorus Airways and above) or the means used to commit (see Air Canada supra, supra decision CM and, mutatis mutandis, Yildirim c. Italy (dec.), no 38602 /02, ECHR 2003 - IV), or they were for alleged property acquired through criminal activities (see in drug trafficking Phillips decision above and, mutatis mutandis, Welch c . United Kingdom, judgment of 9 February 1995, Series A No. 307 -A, and in activities of mafia-type organizations Raimondo judgment and decisions cited Arcuri and Riela above) or are designed in such activities (Butler decision cited above).*

*100. The Court also had regard to the severity of the penalty that has been imposed on the applicant for failure to report, namely the combination of the confiscation of all of that sum, or 233 056 EUR, with a fine equal half of this amount (116 528 EUR) or in total 349 584 EUR. It notes that under section 465 of the Customs Code in the version in force at the material time, the failure to disclose automatically entailed the confiscation of the entire amount, only the fine can be modulated by domestic courts (25 to 100 % of the amount unreported).*

*101. The Court notes that, among the other member states of the Council of Europe, the most common sanction expected is a fine. It can be combined with a penalty of confiscation, especially when the legal origin of the amounts transported is not established, or if criminal proceedings against the person concerned. However, when provided, confiscation relates generally to the remainder of the amount exceeding the amount reported, only one other state (Bulgaria) provides the combination of a fine up to twice the amount unreported with automatic forfeiture of the full amount.*

*102. The Court agrees with the approach of the European Commission in its reasoned July 2001 (see paragraph 29 above) opinion, noted that the penalty should reflect the gravity of the infringement, namely breach of statement and not the*

*seriousness of any infringement not found at this stage, an offense such as money laundering or tax evasion.*

*103. The Court notes that as a result of this reasoned opinion the French authorities amended section 465 supra. In the version entered into force on 1 October 2004, this article provides more automatic confiscation and the fine was reduced to a quarter of the amount on which the infringement relates. The sum unreported is now recorded for a maximum of six months, and forfeiture may be imposed in this period by the courts when there are indications or reasonable suspicion that the person has committed other offenses the Customs Code or currently involved. In the opinion of the Court, such a system helps maintain the right balance between the demands of the general interest and the protection of fundamental rights of the individual.*

*104. Finally, the Court observes that in most of the international community or texts applicable rules, reference is made to "proportionate" character must be of the sanctions by States.*

*105. In view of these factors and in the particular circumstances of the present case,* ***the Court concludes that the penalty imposed on the applicant, combining the confiscation and fine was disproportionate to the infringement committed and the balance was not respected (cf. c Ismailov . Russia , No. 30352 /03, § 38 , 6 November 2008).***

*106.* ***There was therefore a violation of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention."*** *(enfasi tal-esponent)*

*Illi dan kollu ġie kkonfermat f'sentenza lokali pjuttost riċenti fl-ismijiet* **Jason James Agius vs Avukat Ġenerali**[1] *fejn instabet leżjoni. Din ġiet mibdula fl-appell biss minħabba illi fil-mori saret emenda fis-sens illi l-konfiska tal-flus ma baqgħatx iktar tassattiva.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi, minħabba illi l-fatt illi l-liġi ta' Malta senjatament l-Avviż Legali ta' dak iż-żmien 463/2004 (Regolamenti tal-2004 dwar Rappurtaġġ ta' Ċaqliq ta' flus) ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233) li kien applikabbli meta ġew deċiżi l-proċeduri kriminali fuq*

[1] Deċiża mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Jannar 2020 (rik .nru. 108/18 JVC)

*imsemmija kontra l-esponent ma kienx jipprovdux mekkaniżmu jew proċeduri fejn ir-rikorrent seta' jikkontesta l-konfiska tal-flus li allegatament ikunu ser jinħarġu minn Malta in eċċess ta' l-€5,000 imur kontra artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-korrispettiv l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *Tiddikjara illi, minħabba illi l-fatt illi l-liġi ta' Malta senjatament il-liġi imsemmija fl-ewwel talba kienet tistabbilixxi piena tassattiva ta' multa ta' 25% ta' l-ammont li jkun qed jinħareġ minn Malta flimkien mal-konfiska ta' l-ammont in kwistjoni li jkun jeċċedi l-€5,000 imur kontra artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex ma jħarisx il-prinċipju tal-proporzjonalita' tal-pieni;*

3. *Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna illi l-esponent jingħata lura s-somma li ġiet lilu konfiskata ossia l-ekwivalenti llum f'Ewro ta' sitta u għoxrin elf dollaru American ($26,000);*

4. *Tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minħabba dan il-ksur ta' drittijiet tiegħu hawn fuq indikati, meħud in konsiderazzjoni illi is-somma ta' sitta u għoxrin elf dollaru Amerikan ($26,000) ilha ikkonfiskata mit-8 ta' Marzu 2006;*

*u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

2. Rat illi fit-18 ta' April 2024 l-**Avukat Ġenerali** u l-**Avukat tal-Istat** irrispondew għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*Illi bħala fatti jiġi rilevat li r-rikorrenti huwa u ħiereġ mill-ajruport internazzjonali ta` Malta, mar fl-uffiċċju tad-dwana fl-ajruport biex jiddikjara xi mobiles li kienu bil-ħsara u li kien ser jieħu miegħu barra minn Malta lejn Dubai. L-uffiċjal tad-Dwana staqsa kemm kellu flus fuqu u r-rikorrenti wieġbu li kellu 20,000 dollaru Amerikan.*

*Sussegwentement fil-preżenza tal-Pulizija saret tfittxija fil-bagalja tar-rikorrenti u nstab li kellu madwar 26,000 dollaru Amerikan. Minn dan l-ammont ir-rikorrenti ingħata lura madwar 13,000 dollaru Amerikan. L-uffiċjali involuti infumaw lir-rikorrenti li minħabba l-liġijiet viġenti dak iż-żmien u seta` jkollu fuqu mhux iktar minn 5,000LM liri Maltin u kwalunkwe ammont iktar minn 5,000LM kellu jiġi iddikjarat mal-Kontrollur ai termini tal-A.L. 463/2004.*

*Gialadarba r-rikorrenti ma iddikkjarax l-ammont in eċċess ta` 5,000LM huwa ġie akkużat il-Qorti bir-reat kontemplat fl-Avviż Legali 463/2004 (Regolamenti tal-2004 dwar Rappurataġġ ta' Ċaqliq ta' flus) tal-Att dwar it-Tranżazzjonijiet Esterni (Kap 233). B`sentenza datat 27 ta` Jannar 2010 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali*

*ikkundannat lir-rikorrenti iħallas multa ta' 6500 dollaru Amerikan skond kif kien il-kambju fit-8 ta' Marzu 2006 (ekwivalenti għal Lm 2219.26 u ekwivalenti għal € 5193.08) liema multa tista' titħallas fi żmien tmintax il-xahar mil-lum u jekk ma titħallasx tinbidel f'seba' xhur priġunerija oltre il-konfiska tal-flejjes ippreżentati fl-atti. Ir-rikorrenti appella u b`sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-16 ta` Ġunju 2010 l-appell ġie miżġud u s-sentenza kkonfermata fl-intier tagħha*

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li l-liġi kif kienet ai termini tal-A.L 463/2004 kisret l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex il-piena imposta hija waħda sproporzjonata u l-liġi ma kinitx tipprovdi mekkaniżmu ta` kontestazzjoni tas-somma konfiskata in eċċess tal-5000LM.*

*Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi ibda biex l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur f`din il-kawża peress li qed tiġi attakkata liġi u għalhekk l-ġudizzju huwa biżżejjed integru bil-preżenza tal-Avukat tal-Istat. Għalhekk l-Avukat Ġenerali għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

1. *Illi għal kull reat hemm piena u l-pieni mertu ta` din il-kawża kienu permessi mil-ligi. Mela allura x`qed jippretendi eżattament ir-rikorrenti b`din il-kawża? Li jiġi ippremjat għax kiser il-liġi? Ir-rikorrent missu żamm ma' dak rikjest mil-liġi u ċioe` iddikjara l-ammont kollu li kien beħsiebu iġorr miegħu qabel ma qabad it-titjira lejn Dubai.*

2. *L-esponent jisħaq li ma hemm xejn irraġjonevoli jew sproporzjonat fl-imposizzjoni ta` tali pieni għal dan ir-reat kriminali. Rigward il-konfiska, il-leġislatur dak iż-żmien iddeċieda li jimponi threshold ta` 5,000LM li tkompli tikkonferma kemm wieħed qed jipprova jżomm bilanċ bejn l-interessi tal-Istat u dak tal-individwu fejn tidħol raġjonevolezza ta` piena li tista' tiġi imposta minn Qorti.*

3. *Illi fil-kamp penali ir-regola ġenerali hija li ssir il-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex sar ir-reat u hija <u>konsegwenza</u> tal-piena stabbilita mil-liġi għal dak ir-reat, ukoll jekk il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi. Issa fil-każ odjern il-liġi kienet tgħid li għandu jkun hemm il-konfiska tas-somma li teċċedi l-5,000LM u għalhekk żgur li ma hemm xejn irraġjonevoli f`dan kollu.*

4. *Illi in kwantu għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre` meta jipprovdi li s-smig għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi.*

*Illi sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti sofriex ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, irid jiġi eżaminat il-proċess kollu fit-totalita' tiegħu.*

*Illi l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralita tal-każijiet, jidħol biss fi kwistjonijiet dwar (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.*

*Illi sabiex jiġu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess Qorti (ara Fenech vs Avukat Ġenerali deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158).*

*Dan attiż, għandu jirriżulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrent f'din il-kawża ma jaqa' taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq.*

5. *Illi dwar l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jingħad minnufih li l-każ odjern żgur li ma jinkwadrax ruħu fi vjolazzjoni ta` dan il-jedd. La l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipproteġu d-dritt tal-godimenti paċifiċi tal-possedimenti jew proprjeta` mingħajr restrizzjoni ta` xejn. L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenka r-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Safejn qed tiġi allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun skond il-liġi u fl-interess pubbliku. Wkoll, dan il-jedd bl-ebda mod ma jnaqqas d-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jiżgura fost affarijiet oħra l-ħlas ta' pieni. Il-piena stabbilita mill-artikolu 3 hija waħħda li taqa` perfettament fil-jedd tal-Istat li jimponi pieni għal ksur tal-liġi.*

   *Għaldaqstant m`hemm l-ebda leżjoni ta` dawn l-artikoli.*

6. *Ir-rikorrent qed jinvoka ukoll ksur tal-jedd għat-tgawdija paċifika ta` possedimenti ai termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dwar dan jingħad minnufih li l-każ odjern żgur li ma jinkwadrax ruħu fi vjolazzjoni ta` dan il-jedd. La l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipproteġu d-dritt*

*tal-godimenti paċifiku tal-possedimenti jew proprjeta` mingħajr restrizzjoni ta` xejn. Fil-fatt kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenkaw r-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Safejn qed tiġi allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun skond il-liġi u fl-interess pubbliku. Wkoll, dan il-jedd bl-ebda mod ma jnaqqas d-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jiżgura fost affarijiet oħra l-ħlas ta' pieni. Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni wieħed ma jistgħax jinsa dak li jistabilixxi is-sub-artikolu (2)(b) tal-istess artikolu li jgħid li ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà (b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;*

*Illi kif diġa ingħad qabel, il-piena stabbilita fir-regolament 3 kienet waħda li taqa` perfettament fil-jedd tal-Istat li jimponi pieni għal ksur tal-liġi.*

7. *Illi irid jingħad li matul is-snin il-liġi in kwistjoni nbidlet u issa hemm disposizzjonijiet relattivament ġodda bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07.*

8. *Illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha din l-Onorabbli Qorti għandha ċertament tqis ukoll li l-kawża in diżamina ilha res judicata **14 il-sena**.*

9. *Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

11. *Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fit-22 ta' Frar 2022 l-Qorti appuntat ir-Rikors Kostituzzjonali għas-smigħ għall-25 ta' April 2024.

4. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' April 2024, deher r-rikorrent assist u l-Qorti ġiet mgħarrfa illi kien opportun illi jiġu allegati l-atti tal-Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Nru 35/10 DS fl-ismijet 'Il-Pulizija (Paul Vassallo) vs Christian Callus', deċiża fit-28 ta' April 2010, liema talba ġiet milqugħa.

5. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2024 l-atti tal-kawża fuq imsemmija ġew allegati.

6. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2024, iż-żewġ partijiet qablu illi ma kellhomx aktar provi w għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

7. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, illi kienu jikkonsistu fil-preżentata ta' kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Jason James Agius vs Avukat Ġenerali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2020.

8. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimati ppreżentati fid-29 ta' Ottubru 2024.

9. Rat illi fis-6 ta' Novembru 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

10. Jirriżulta, mid-diċitura tar-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent, illi, ftit anqas minn ħmistax-il sena ilu, ossija fit-28 ta' April 2010, huwa kien instab ħati talli, fit-8 ta' Marzu 2006, esporta barra minn Malta sitta u għoxrin elf dollaru Amerikan ($26,000), ossija aktar minn Lm5,000, jew €11,650, mingħajr ma ddikjara tali flejjes, bir-riżultat illi huwa instab ħati u ġie mmultat €5,193.08, ekwivalenti għal $6,500 li kellha titħallas fi żmien tmintax-il xahar, filwaqt illi ġew lilu konfiskati $12,864 jew €9,697.70, ossija dak in eċċess tal-ammont ta' flus lilu permess li jesporta mingħajr dikjarazzjoni.

11. Jirriżulta illi, fl-1 ta' Frar 2024, ossija ftit anqas minn **<u>dsatax-il sena</u>** wara li kommetta r-reat u ftit anqas minn ħmistax-il sena wara li, instab ħati b'mod finali, ir-rikorrent ħass illi kellu jintavola l-proċeduri odjerni fejn, in suċċint, qiegħed iressaq żewġt ilmenti:

    a. Li l-Avviż Legali 463/2004 imsejħa Regolamenti tal-2004 dwar Rappurtaġġ ta' Ċaqliq ta' Flus ma kinux jipprovdu mekkaniżmu jew proċeduri biex jikkontesta l-konfiska tal-flus, u dana bi ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq kif kkontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem; u

    b. Li l-fatt li l-Avviż Legali fuq imsemmi jistabilixxi piena tassittiva ta' multa ta' 25% ta' l-ammont li jkun qed jinħareġ minn Malta w il-konfiska awtomatika tal-flejjes żejda jmur kontra d-dritt tiegħu għall-propjeta', kif ikkontemplat fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, peress illi ma jħarisx il-prinċipju tal-proporzjonalita'.

12. Jirriżulta illi, bħala bażi tal-azzjoni tiegħu, kif ukoll is-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent strieħ esklussivament fuq is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet **Jason James Agius vs Avukat Ġenerali** (Rikors Numru 108/2018 JVC).

**Ikkunsidrat**

13. Qabel ma' din il-Qorti tinoltra ruħha fuq il-meritu tal-każ kif ukoll id-difiżi mressqa, ikun opportun illi jiġu stabbiliti l-fatti li wasslu għas-sejbien tal-ħtija tar-rikorrent.

14. Jirriżulta, minn dak li ġie ppreżentat bħala provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, inkluż l-istqarrija ta' l-istess rikorrent (fol 26 – proċess 30/08 Qorti tal-Maġistrati), li r-rikorrent, kien iddikjara li huwa, dak iż-żmien, kien jagħmel xogħol ta' importazzjoni ta' mobile phones, liema mobile phones kien jimporta mill-Italja jew Dubai.

15. Jirriżulta illi dakinhar, 8 ta' Marzu 2006, huwa kien sejjer Dubai jieħu xi mobiles għat-tiswija kif ukoll biex jixtri "*xi parts u telephones*".

16. Jirriżulta illi, ġewwa l-ajruport, huwa mar jiddikjara illi kien ser jesporta xi mobiles, u hekk kif kien qiegħed jagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa, peress li ma jafx jikteb, ġie mistoqsi jekk kellux flus fuqu, fejn huwa għarraf lill-Uffiċjali tad-Dwana illi kien qed iġorr $20,000 fi flus kontanti. Jirriżulta illi tali somma, minnha nnifisha, kienet teċċedi il-limitu ta' Lm5,000 stabbilita fil-Liġi, u għalhekk l-Uffiċjali tad-Dwana għamlulu tfittxija fil-'hand luggage', fejn attwalment sabulu €26,000 fi flus kontanti.

17. Jirriżulta illi, mistoqsi minn fejn ġab il-flus, huwa stqarr illi ftit kellu flus fil-banek, iżda kull ma kellu kienu flus kontanti u stqarr illi:

> *"Kull meta ikolli madwar Lm2,000, inmur insarrafhom dollars bil-lest. Jiena nagħti x-xogħol on consignment u malli dak li jkun ibiegħhom, iħallasni dak li għandi nieħu. Għad baqagħli xi ħaġa żgħira tal-flus x'niġbor mingħand in-nies."*

18. Jirriżulta wkoll illi, mistoqsi x'kien ser jixtri bil-flus, stqarr illi kien ser jixtri madwar għoxrin sa tletin mobile u xi parts, filwaqt illi mistoqsi ulterjorment jiġġustifika tali ammont ta' flus, ammetta wkoll illi kien ser jixtri xi ħaġa għal ommu u għall-għarusa tiegħu.

19. Jirriżulta illi, fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, r-rikorrent għażel illi ma jixhidx.

20. Jirriżulta illi, fir-rikors tal-Appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-konsulent legali tiegħu lmenta illi ma kienx minnu li kien naqas milli jiddikjara l-flus illi kellu fuqu, kif kien attwalment instab ħati li għamel, peress illi, huwa ikkontenda li, meta mistoqsi jekk kellux flus fuqu, għarraf lill-Uffiċjali tad-Dwana li kellu "*madwar $20,000*", u għalhekk, r-rikorrenti kien attwalment għamel id-dikjarazzjoni minnu rikjesta fil-Liġi, liema dikjarazzjoni għamel hekk kif ġie mistoqsi.

21. Jirriżulta wkoll illi, fil-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent, minkejja li reġa' għażel illi ma jixhidx kif kellu kull dritt illi jagħmel, kemm tramite dak li ddikjara l-abbli difensur tiegħu fit-trattazzjoni tal-10 ta' Marzu 2010, kif ukoll fuq domanda illi għamlet il-Qorti stess lir-rikorrent waqt l-istess trattazzjoni, ir-rikorrent qal is-segwenti:

> *Qorti: Ta' min kienu dawk il-flus?*
> *App: Tiegħi uh*
> *Qorti: Ħallihomlok xi ħadd?*
> *App: Il-papa tiegħi.*

22. Jirriżulta illi kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2010, kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'deċiżjoni tat-28 ta' April 2010, ma emmnux il-verżjoni tal-fatti tar-rikorrent, u għalhekk instab ħati, kif fuq aħjar deskritt.

**Ikkunsidrat**

23. Stabbiliti l-fatti tal-każ, il-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkunsidra l-ilment tar-rikorrent, ossija dwar ksur ta' smigħ xieraq, kif protett lilu fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll id-dritt tiegħu għall-propjeta', kif protett lilu fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

**<u>Ksur tad-Dritt għas-Smigħ Xieraq</u>**
(Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem)

24. Jirriżulta illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent jikkontendi illi l-fatt li huwa ma kellu ebda rimedju sabiex jikkontesta l-flejjes lilu maqbuda w li ma kien hemm ebda proċedura li tippermetti lir-rikorrent jikkontesta l-qbid u jitlob ir-rilaxx tal-istess flejjes, minnu nnifsu, kienet tikkostitwixxi ksur ta' aċċess tiegħu għall-Qorti, u għalhekk ksur tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni w l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

25. Il-Qorti, hawnhekk, tqis illi jkun opportun illi tagħmel referenza għas-sentenza li abbażi tagħha r-rikorrent ġġustifika l-proċeduri odjerni, ossija il-kawża Kostituzjonali '**Jason James Agius vs Avukat Ċenerali**' deċiża in Prim'Istanza fit-23 ta' Jannar 2020, fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha dan xi tgħid dwar l-argument fuq imressaq:

> *2. Illi r-rikorrenti allegatament prova jħalli l-pajjiż b'ammont ta' flus kontanti mhux permissibbli skont il-liġi u nqabad fl-att li jagħmel dan. Huwa f'dan il-mument li l-ammont in eċċess għas-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) jiġi maqbud mill-Awtoritajiet pendenti l-konfiska mill-Qorti wara dikjarazzjoni ta' ħtija.*
>
> *Ir-rikorrent odjern, fl-ewwel talba tiegħu, isostni li l-jeddijiet tiegħu ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qed jiġu leżi stante li, skont ir-rikorrent, la darba l-flus jiġu maqbuda huwa ma għandu l-ebda mezz fil-liġi sabiex jikkontesta l-istess konfiska.*
>
> *Minn naħa tiegħu l-Avukat Generali intimat isostni li tant ir-rikorrent għandu l-mezz legali li jikkontesta li appuntu ntavola l-proċeduri kostituzzjonali odjerni filwaqt li l-proċeduri kriminali ġew sospizi pendenti l-eżitu ta' dan ir-rikors.*
>
> *Illi din il-Qorti mhux neccessarjament taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali li r-rimedju kostituzzjonali jipprovdi fora effettiv lir-rikorrent stante li r-rimedju li jrid ir-rikorrenti huwa li huwa jkollu mezz ta' azzjoni sabiex jikkontesta l-konfiska u finalment il-flus jiġu ritornati lura, ħaġa li din il-Qorti ma tistax legalment tordna.*
>
> *Pero' din il-Qorti lanqas tista' tqis li l-ilment tar-rikorrent huwa ġustifikat stante li jirriżulta li l-liġi tipprovdi mezz lir-rikorrent 'ab initio' sabiex jevidenzja l-legalita' u l-genwinita' tal-fondi billi sempliċement jimla l-iskeda taħt ir-Regolament 3 u b'hekk kien jevita dak kollu li seħħ konsegwentement għall-allegat nuqqas tiegħu. Dak li qed jitlob ir-rikorrent, permezz tal-ewwel talba tiegħu, huwa li jingħata t-tieni opportunita', wara li hu stess allegatament naqas legalment milli jimxi mad-dettami tal-liġi.*
>
> *Il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' dan l-hekk imsejjaħ tieni rimedju ma jmurx kontra l-ebda provvediment tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant ser tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent.*

26. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-fattispeċje tal-każ huma simili, jekk mhux identiċi, għal dawk tali kawża fuq imsemmija, fejn jirriżulta li r-rikorrent naqas milli jimla d-dikjarazzjoni tiegħu kif minnu rikjest fil-Liġi hekk kif ħiereġ minn Malta bil-flus, u għalhekk naqas mill-opportunita' lilu mogħtija mil-Liġi sabiex jagħmel dak li huwa korrett – ossija jiddikjara li kien ħiereġ b' somma sostanzjali ta' flus.

27. Għandu jingħad ukoll illi, anke waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ir-rikorrent naqas milli jixhed sabiex jgħarraf lill-Qorti dwar il-legalita' ta' tali flejjes u għalhekk naqas milli jeżawrixxi l-possibbilta' tiegħu li jispjega li dawk il-flejjes kienu leċiti.

28. Għalhekk, il-Qorti ma tara ebda raġuni 'l għaliex ma għandhiex tadotta l-istess ħsieb kif riprodott aktar 'il fuq, peress illi l-ilment ta' ksur ta' dritt xieraq ċertament ma jirriżultax ippruvat.

29. Għaldaqstant, l-ilment tal-ksur ta' smigħ xieraq abbażi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ma jirriżultax ippruvat.

**<u>Ksur tad-dritt tiegħu għall-propjeta.</u>**
(Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.)

30. Jirriżulta illi t-tieni ilment tar-rikorrenti kien li, peress li l-Liġi ta' dak iż-żmien, ossija Avviż Legali 463/2004, kienet tistabilixxi piena tassattiva ta' multa ta' 25% tal-ammont li jkun inħareġ, kif ukoll, konfiska tal-flejjes kollha in eċċess tal-Lm5,000, ossija €11,700, dak ma jħarisx il-prinċipju tal-proporzjonalita' tal-pieni, u għalhekk imur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

31. Jirriżulta illi l-każ odjern jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Avviż Legali 463/2004, u aktar preċiżament r-Regolament 3 illi kien jipprovdi dan li ġej:

> *(1)Kull persuna dieħla jew ħierġa minn Malta li tkun qed iġġorr somma ekwivalenti għal Lm5,000 jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrullur.*
>
> *(2)L-obbligazzjoni li tiġi dikjarata kull somma bħal dik imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma titwettaqx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tidher fl-Iskeda tinsab ma' dawn ir-regolamenti u tippreżenta dik il-formola lill-Kontrullur meta tkun dieħla jew ħierġa minn Malta.*
>
> *(3) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligazzjoni li tiddikjara somma bħal dik skond subregolament (2) ta' dan ir-regolament, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ekwivalenti għall-ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, f'munita Maltija fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta, tal-flus li jkunu qed jinġarru, imma f'kull każ dik il-multa ma għandhiex tkun teċċedi għoxrin elf lira Maltija.*

*(4) Meta flus ma jiġux dikjarati kif hemm provdut fis-subregolament (1), il-Kontrollur għandu jaqbad il-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu Lm5,000, jew l-ammont kollu meta l-flus ikunu indiviżibbli.*

***(5) Barra mill-piena li tista' tagħti lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu Lm5,000 jew ta' l-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.***

32. Dwar l-interpretazzjoni w il-limitazzjonijiet imposti mir-Regolament 3 fuq kwotat, li sussegwentement ġie riprodott bl-istess prinċipji fl-Avviż Legali 149 tas-sena 2007, il-Qorti tqis illi jkun opportun li tirriproduċi l-ħsibijiet u konklużjonijiet magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza relattivament reċenti '**Il-Pulizija vs Ali Muuse Igaale**' deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Ġunju 2024, fejn kellha dan xi tgħid:

> *8. Ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus jipprovdi li kull persuna dieħla, ħierġa jew li tkun għaddejja fi tranżitu minn Malta u li tkun qiegħda ġġorr somma ta' valur ta' għaxart elef ewro (€10,000) jew iżjed fi flus għandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kummissarju.*
>
> *9. Qabel l-introduzzjoni tal-Avviż Legali 285 tal-2020, persuna misjuba ħatja li ma tkunx ottemporat ruħha ma' dak ir-regolament, apparti li kienet soġġetta għal <u>multa</u> ekwivalenti għal 25% tal-flejjes kollha li kienet qiegħda iġġorr, kienet ukoll soġġetta għall-<u>konfiska</u> tal-flejjes in eċċess ta' €10,000[2]. Dan irrispettivament mill-fatt jekk is-sors ta' dawk il-flejjes kinitx waħda leġittima jew le.*
>
> *10. Fil-kawżi fl-ismijiet **<u>Jason James Agius v. Avukat Ġenerali</u>**[3], **<u>Il-Pulizija v. Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah</u>**[4] u **<u>The Police v. Omar Azumi</u>**[5], din il-Qorti għarfet li l-għan wara r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus huwa li jiġu evitati reati bħal money laundering, reati oħra serji ta' natura finanzjarja, traffikar ta' drogi, finanzjar ta' terroriżmu, u evażjoni fiskali. Għalhekk, sa fejn ir-regolamenti kienu jimponu multa ekwivalenti għal 25% tal-flus kollha li l-persuna kienet qiegħda ġġorr, ma sabitx ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Sabet iżda nuqqas ta' proporzjon bejn l-interess ġenerali u l-protezzjoni tad-dritt ta' individwu għall-proprjetà fejn dawk ir-regolamenti kienu jipprovdu għall-konfiska tal-flejjes in eċċess ta' €10,000. <u>Dan għaliex ir-regolamenti kienu jipprovdu għall-konfiska b'mod tassattiv mingħajr ma ħallew lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ebda diskrezzjoni biex tevalwa jekk tali miżura kinitx meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.</u>*

33. L-istess Qorti tkompli tgħid:

> *14. F'dan il-każ ukoll, il-multa kkontestata hija ndħil fid-dritt garantit mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1, peress li ċċaħħad*

[2] Avviż Legali 85 tal-2009
[3] Deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020
[4] 23 ta' Novembru, 2020
[5] Deċiża fit-30 ta' Ġunju 2021

*lill-akkużat minn element ta' proprjetà, jiġifieri l-ammont li għandu jħallas. Indħil li madanakollu huwa ġustifikat a tenur tat-tieni paragrafu tal-istess artikolu, li jipprovdi eċċezzjoni fir-rigward tal-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet oħra jew pieni. Dan sakemm tali multa żżomm bilanċ / proporzjon bejn il-mezzi użati u l-għan imfittex.*

15. *L-għan wara l-miżura in kwistjoni huwa l-implementazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni.*[6] *Regolament li jipprevedi sistema ta' kontrolli għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit fid-Direttiva (UE) 2015/849.*

16. *Kwantu għall-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan, ir-Regolament (UE) 2018/1672 jipprovdi hekk:*

*Artikolu 14*
*Penali*

*Kull Stat Membru għandu jintroduċi penali li għandhom japplikaw fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 3 jew l-obbligu tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 4. Tali penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi."*

17. *Għalhekk, il-liġi nazzjonali trid tipprovdi għall-penali għan-nuqqas ta' tħaris mal-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti, li tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva. Il-multa in kwistjoni, ekwivalenti għal 55% fuq il-bilanċ in eċċess ta' €10,000, flimkien ma' multa ulterjuri ta' €50 hija waħda introdotta mill-Istat Malti bis-saħħa tar-regolament 3(5)(b) tal-L.S. 233.07 tas-7 ta' Lulju 2020 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus).*

34. Hawnhekk, il-Qorti tqis illi jkun opportun illi tagħmel referenza għall-każ fl-ismijiet **Imeri v. Croatia** (Application no. 77668/14), dwar is-sanzjonijiet imposti mill-Istat Kroat għall-ksur ta' obbligazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti, fejn, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2021 il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, hekk kif sabet li kien seħħ ksur tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni wara li ġiet konfiskata 50% tal-flus li l-applikant naqas milli jiddikjara meta kien qiegħed jaqsam il-fruntiera bejn Slovenja u l-Kroazja, qalet is-segwenti:

*43. Upon requests for preliminary ruling by national courts, the Court of Justice of the European Union (CJEU) dealt with several cases which concerned interpretation and application of the 2005 Cash Control Regulation (see paragraph 41 above).*

*44. In Chmielewski (C-255/14, 16 July 2015, EU:C:2015:475) the CJEU held that in the light of the nature of the infringement concerned, namely a breach*

[6] Dan ir-regolament ħa post ir-regolament 1889/2005.

*of the obligation to declare laid down in Article 3 of the 2005 Cash Control Regulation, a fine equivalent to 60% of the amount of undeclared cash, where that amount is more than EUR 50,000, did not seem to be proportionate (§ 30). In that regard, it noted that the penalty provided for in Article 9 of Regulation No. 1889/2005 did not seek to penalise possible fraudulent or unlawful activities, but solely a breach of the obligation to declare laid down in Article 3 of the Regulation (§ 31). The CJEU also noted that Article 4 § 2 of the Regulation provided for the possibility to detain, by administrative decision, cash which had not been declared, in order, among other things, to allow the competent authorities to carry out the necessary checks relating to the provenance of that cash and its intended use and destination (§ 33).*

*45. After the Chmielewski judgment (see paragraph 44 above) the CJEU had to rule in five other cases on the proportionality of a penalty imposed for the failure to declare cash to customs. In Lu Zheng (C-190/17, 31 May 2018, EU:C:2018:357) the CJEU found that a fine which may be imposed in up to double the amount of the undeclared amount could not be considered proportionate. In Pinzaru and Cirstinoiu (C-707/17, 12 July 2018, EU:C:2018:574) and in AK and EP (C-335/18 and C-336/18, 30 January 2019, EU:C:2019:92) it found disproportionate the confiscation of the entire undeclared amount, in addition to a prison sentence of up to six or five years imprisonment respectively and a fine which may be up to respectively the double or the fifth of the undeclared amount. In Mitnitsa Burgas (C-652/18, 3 October 2019, EU:C:2019:818) it found disproportionate the confiscation of the entire undeclared amount in addition to a fine of about EUR 500. In Direcţia Generală Regională a Finanţelor Publice Bucureşti (C-679/19, 19 December 2019, EU:C:2019:1109) the CJEU found disproportionate the confiscation of the undeclared amount exceeding EUR 10,000 in addition to a fine of about EUR 630.*

*...*

*71. ... The Court reiterates that, in order to be proportionate, the severity of sanction should correspond to the gravity of the offence it is designed to punish – in the instant case, the failure to comply with the declaration requirement – rather than to the gravity of any presumed infringement which has not actually been established, such as an offence of drug trafficking, money laundering or tax evasion (see Gabrić, cited above, § 39, and Boljević, cited above, § 44 and the cases cited therein; see also the case-law of the Croatian Constitutional Court cited in paragraph 36 above).*

*72. In this connection, the Court also takes note of the relevant European Union law, namely of:*

*- the case-law of the Court of Justice of the European Union, according to which the 2005 Cash Control Regulation does not seek to penalise possible fraudulent or unlawful activities, but solely a breach of the obligation to declare (see paragraphs 41, 44 and 46-47 above), and*

*- the preamble of the 2018 Cash Control Regulation, which explicitly states that penalties for non-compliance with the obligations to declare or disclose*

*cash should not take into account the potential criminal activity associated with the cash (see paragraph 42 above).*

*...*

*84. As already stated above (see paragraph 71 above), in order to be proportionate, the severity of sanctions must be commensurate to the seriousness of the breaches for which they are imposed (see Gabrić, cited above, § 39, and Boljević, cited above, § 44 and the cases cited therein). The principle of proportionality has to be observed not only as regards the determination of the rules concerning the severity of sanctions but also the assessment of the factors which may be taken into account in the fixing of the sanction (compare with paragraph 40 of the judgment of the CJEU in the Lu Zheng case, cited in paragraph 46 above).*

*91. ... that the confiscation sanction (in addition to the fine) had been imposed on the applicant solely for his failure to declare the money to customs, which is considered a less serious offence (see, mutatis mutandis, Gabrić, cited above, § 38, and Boljević, cited above, § 43).*

*92. In addition, the harm that the applicant might have caused to the authorities was minor: he had not avoided customs duties or any other levies or caused any other pecuniary damage to the State. Had the amount gone undetected, the Croatian authorities would have only been deprived of the information that the money had passed through Croatia (see Ismayilov, cited above, § 38)"*

35. L-istess gie osservat fil-każ ta' **Yaremiychuk and Others v. Ukraine** (Applications nos. 2720/13 and 6 others) deċiż fid-9 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

*"28. The Court further notes that States have a legitimate interest and also a duty by virtue of various international treaties to implement measures to detect and monitor the movement of cash across their borders, since large amounts of cash may be used for money laundering, drug trafficking, financing terrorism or organised crime, tax evasion or the commission of other serious financial offences. The general declaration requirement applicable to any individual crossing the State border prevents cash from entering or leaving the country undetected and the confiscation measure which the failure to declare cash to the customs authorities results in is part of the general regulatory scheme designed to combat those offences. In this regard, the Court considers that the confiscation measure conformed to the general interest of the community (see, for example, Sadocha, cited above, § 26).*

*29. The remaining question to determine is whether the interference struck the requisite fair balance between the protection of the right of property and the requirements of the general interest, taking into account the margin of appreciation left to the respondent State in that area. The requisite balance will not be achieved if the property owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden". Moreover, although the second paragraph*

*of Article 1 of Protocol No. 1 contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicants a reasonable opportunity to put their cases to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (see, among other authorities, Boljević v. Croatia, no. 43492/11, § 41, 31 January 2017).*

*30. The Court notes that Article 471 of the Customs Code did not leave any discretion to the courts as regards the sanction to be imposed, as confiscation of the excess amount was mandatory with no exceptions allowed. It also notes that in 2021, a number of years after the events in the present case, the Constitutional Court of Ukraine declared part of that provision unconstitutional, considering, in particular, that such a mandatory confiscation was not capable of ensuring the requisite balance between the public interest and an individual's right to the peaceful enjoyment of his or her possessions (see paragraph 6 above).*

*31. Like the Constitutional Court, the Court is of the view that such a rigid legislative approach is in itself incapable of ensuring the requisite fair balance between the requirements of the general interest and the protection of an individual's right to property (see, mutatis mutandis, Gyrlyan, cited above, § 31). In fact, it leaves no room for an assessment of the proportionality of the interference by the domestic courts by making any such assessment futile. Similarly, the automatic confiscation deprived the applicants of any possibility to argue their cases and have any prospect of success in the proceedings against them (see, mutatis mutandis, Andonoski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 16225/08, § 38, 17 September 2015).*

*32. The lack of any discretion left to the domestic courts as regards the sanction to be imposed distinguishes the present case from that of Sadocha (cited above) referred to by the applicants (see paragraph 18 above), in which, pursuant to the legislation then in force, the Ukrainian courts did have a choice in the matter but were found by the Court to have failed to duly perform the proportionality assessment when choosing the applicable sanction However, the Court's task is not to review domestic law in abstracto, but to determine whether the manner in which it was applied to, or affected, the applicant gave rise to a violation of the Convention (see, for example, Karapetyan v. Georgia, no. 61233/12, § 36, 15 October 2020 and Imeri v. Croatia, no. 77668/14, § 76, 24 June 2021).*

*33. The Court notes in this respect that the act of taking foreign currency into and out of Ukraine was not illegal under Ukrainian law. Not only was it permissible to move the foreign currency across the customs border, but the sum was not, in principle, restricted at the time of the events, if declared (see paragraph 8 above). Furthermore, the case files suggest that it was not established by the domestic authorities in the present cases that the confiscated cash had been unlawfully obtained by the applicants or that the applicants had been engaged in money laundering or any other criminal activity.*

*34. The Court accepts that the confiscation measure in question was deterrent and punitive in its purpose. However, as established above, the mandatory nature of the confiscation of all the excess cash and a fine as a sanction precluded the domestic authorities from performing due analysis as to what measures would have been appropriate in the circumstances of each individual case.*

*35. The foregoing considerations are sufficient to enable the Court to conclude that the interference with the applicants' property rights was unlawful in the case of Mr Gordeyev (see paragraph 27 above) and imposed a disproportionate burden on the remaining applicants in view of the mandatory application of confiscation of all excess cash as the sanction, in addition to a fine. 36. There has accordingly been a violation of Article 1 of Protocol No. 1."*

36. Finalment, il-Qorti jidhirlha opportun illi għandha ukoll tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħal fil-każ C-255/14 (**Robert Michal Chmielewski vs Nemzeti Ado-es Vamhivatal Dei-alfoidi Regionalis VAm-es Penzugyori Folgasgatosaga"**) tas-16 ta' Lulju 2015, fejn dwar kundizzjoni simili f'Regolament ieħor ta' EU, li jikkomporta wkoll il-konfiska ta' flus, hija rraġunat li multa ta' 60% tal-flus mhux dikjarati, sempliċement għall-fatt li l-persuna tkun naqset milli tiddikjarahom, ma kinitx piena proporzjonata. Hija kellha dan xi tghid:

*"27. As regards the proportionality of penalties imposed by the legislation at issue in the main proceedings, it should be noted that the amount of the fines is graduated according to the amount of undeclared cash.*

*28. In contrast to what is maintained by the European Commission, the requirement that the penalties introduced by the Member States under Article 9 of Regulation No 1889/2005 must be proportionate does not mean the competent authorities must take account of the specific individual circumstances of each case.*

*29. As noted by the Advocate General in points 79 to 81 of his Opinion, under Article 9(1) of that regulation, Member States enjoy a margin of discretion concerning the choice of penalties which they adopt in order to ensure compliance with the obligation to declare laid down in Article 3 of that regulation, provided that a breach of that obligation can be penalised in a simple, effective and efficient way, and without the competent authorities necessarily having to take account of other circumstances, such as intention or recidivism.*

*30. However, in the light of the nature of the infringement concerned, namely a breach of the obligation to declare laid down in Article 3 of Regulation No 1889/2005, a fine equivalent to 60% of the amount of undeclared cash, where that amount is more than EUR 50,000, does not seem to be proportionate. Such a fine goes beyond what is necessary in order to ensure compliance with that obligation and the fulfilment of the objectives pursued by that regulation.*

*31. In that regard, it must be noted that the penalty provided for in Article 9 of Regulation No 1889/2005 does not seek to penalise possible fraudulent or unlawful activities, but solely a breach of that obligation.*

*32. In that context, it should be noted that, as stated in recitals 3 and 15 in the preamble to that regulation, the latter seeks to ensure more effective control of movements of cash entering or leaving the European Union, in order to prevent the introduction of the proceeds of unlawful activities in the financial system, whilst respecting the principles recognised by the Charter of Fundamental Rights of the European Union.*

*33. It should also be noted that Article 4(2) of Regulation No 1889/2005 provides for the possibility to detain, by administrative decision in accordance with the conditions laid down under national legislation, cash which has not been declared in accordance with Article 3 of that regulation, in order, inter alia, to allow the competent authorities to carry out the necessary controls and checks relating to the provenance of that cash, its intended use and destination. Therefore, a penalty which consists of a fine of a lower amount, together with a measure to detain cash that has not been declared in accordance with Article 3 thereof, is capable of attaining the objectives pursued by that regulation without going beyond what is necessary for that purpose. In this case, it is apparent from the file submitted to the Court that the legislation at issue in the main proceedings does not make provision for such a possibility.*

*34. In light of the foregoing considerations, it is not necessary to examine whether there exists a restriction within the meaning of Article 65(3) TFEU.*

*35. In those circumstances, the answer to the questions referred is that Article 9(1) of Regulation No 1889/2005 must be interpreted as precluding national legislation, such as that at issue in the main proceedings, which, in order to penalise a failure to comply with the obligation to declare laid down in Article 3 of that regulation, imposes payment of an administrative fine, the amount of which corresponds to 60% of the amount of undeclared cash, where that sum is more than EUR 50,000.”*

37. Applikati dawna l-insenjamenti għall-każ odjern, jidher ċar illi, fejn jirrigwarda r-rikorrent, fl-applikazzjoni tal-Avviż Legali 463/2004 kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita' fil-piena li tikkontempla l-ligi sempliċement għall-fatt li l-persuna akkużata ma ddikjaratx il-flus hi u ħierġa minn Malta.

38. Dana jingħad ukoll għax, kif jirriżulta mill-akkużi redatti kontra r-rikorrent, l-unika akkuża illi huwa kellu kien illi ma ddikjarax il-flus li ħareġ bihom – ma jidher minn imkien illi b'xi mod ir-rikorrent ġie ukoll akkużat ta' ħasi' ta' flus jew azzjonijiet illeċiti oħra.

39. U, finalment, jirriżulta illi mis-sitta u għoxrin elf dollaru ($26,000) li kellu r-rikorrent, l-import ta' $12,864, ekivalenti għal €9,967.70 ġew lilu konfiskati, filwaqt illi ġie wkoll suġġett għal multa ta' $6,500, ekwivalenti għal €5,193.08, u għalhekk, mill-ammont ta' flus ta' madwar €21,668 li kien ser joħroġ ir-rikorrent barra minn Malta, huwa spiċċa illi ttieħdulu €15,160, ossija madwar sebgħin fil-mija (70%) tal-flejjes illi kellu.

40. Għalhekk, ċertament ma jistax ma jingħadx illi kien hemm ksur tad-dritt ta' propjeta' tar-rikorrenti meta ġew lilu konfiskati l-flejjes hawn fuq indikati.

**Ikkunsidrat**

41. Il-Qorti tirrileva illi, għal dak li jirrigwarda t-tieni talba tar-rikorrent, l-ilment għal dak illi għandu x'jaqsam mal-Artikolu 37 w l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol ma jirrigwardax biss il-konfiska tal-flus żejda, iżda jirrigwarda wkoll il-multa inflitta fuq ir-rikorrent.

42. Hawnhekk, il-Qorti tirrileva ili huwa opportun tagħmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' **Jason James Agius** ġia fuq ċitat, peress illi l-Qorti, f'dan il-każ, ma sabitx ksur għal dak illi jirrigwarda l-multa. Il-Qorti kellha dan xi tgħid:

> *18. Il-Qorti ma taqbilx għal kollox ma' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multa ta' 25% fuq l-ewwel €9,999. Hu minnu li persuna li toħroġ minn Malta m'għandhiex bżonn tagħmel dikjarazzjoni jekk qiegħda ġġorr fuqha somma flus sa €9,999, irrispettivament mill-oriġini tal-flus. Dak il-fatt waħdu ma jfissirx li mhijiex flokha l-impożizzjoni ta' multa fuq dik is-somma wkoll fejn persuna tinqabad ħierġa minn Malta jew dieħla f'Malta b'somma ta' €10,000 jew iktar. Fejn persuna tkun per eżempju ħierġa minn Malta b'somma ta' €10,000 jew iktar u jirriżulta per eżempju li l-oriġini tal-flus ma jkunx minn attivita` legali jew ikun hemm każ ta' evażjoni ta' taxxa, il-Qorti ma ssib xejn irregolari mill-fatt li l-liġi timponi multa ta' 25% ukoll fuq l-ewwel €9,999. Wieħed irid jiftakar li piena bħal dik isservi wkoll bħala deterrent. Kull każ għandu l-fattispeċjie tiegħu.*
>
> *19. Rilevanti wkoll hu r-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 1889/2005 tas-26 ta' Ottubru, "on controls of cash entering or leaving the Community". Skont Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament:-*
>
> > *"1. Any natural person entering or leaving the Community and carrying cash of a value of EUR 10 000 or more shall declare that sum to the competent authorities of the Member State through which he is entering or leaving the Community in accordance with this Regulation. The obligation to declare shall not have been fulfilled if the information provided is incorrect or incomplete"*
>
> *20. Imbagħad f'Artikolu 9 jipprovdi:-*
>
> > *"1. Each Member State shall introduce penalties to apply in the event of failure to comply with the obligation to declare laid down in Article 3. **Such penalties shall be effective, proportionate and dissuasive**"*
>
> *21. Fil-fehma tal-Qorti l-impożizzjoni waħedha ta' multa wkoll fuq is-somma ta' €9,999, ammont li l-attur seta' joħroġ minn Malta mingħajr ma jagħmel ebda dikjarazzjoni, ma jistax jingħad li mhuwiex proporzjonali meta tikkonsidra l-għan wara dak ir-Regolament. Fil-parti tal-bidu tar-regolament jingħad:*

> *"(2) The introduction of the proceeds of illegal activities into the financial system and their investment after laun- dering are detrimental to sound and sustainable economic development.*
>
> .....
>
> *"(5) Accordingly, cash carried by any natural person entering or leaving the Community should be subject to the principle of obligatory declaration. This principle would enable the customs authorities to gather information on such cash movements and, where appropriate, transmit that information to other authorities.*
>
> *(6) In view of its preventive purpose and deterrent character, the obligation to declare should be fulfilled upon entering or leaving the Community. However, in order to focus the authorities' action on significant movements of cash, only those movements of EUR 10 000 or more should be subject to such an obligation. Also, it should be specified that the obligation to declare applies to the natural person carrying the cash, regardless of whether that person is the owner"*
>
> *22. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali.*

43. Għalhekk, abbażi ta' tali insenjament, filwaqt illi l-konfiska tassattiva tal-flejjes addizzjonali mhux dikjarati għandha titqies bħala waħda mhux proporzjonali, l-istess ma jistax jingħad dwar il-multa inflitta fuq il-flejjes li r-rikorrent seta' joħroġ mingħajr ebda dikjarazzjoni.

44. Għalhekk, it-talba dwar ksur tal-Artikolu 37 u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol jirriżulta ippruvat iżda limitatament għal dak li jirrigwarda l-konfiska ta' €9,697.70.

**Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur**

45. Jirriżulta illi, fl-eċċezzjonijiet tiegħu, l-intimati saħqu illi l-Avukat Ġenerali ma kienx il-leġittimu kontradittur peress illi l-ġudizzju huwa biżżejjed integru bil-presenza tal-Avukat tal-Istat.

46. Jirriżulta illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati għamlu referenza għall-Artikolu 181B (2) tal-Kap 12, li jipprovdi illi:

> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment l-oħra tal-Gvern.*

47. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-ilment jirrigwarda l-obbligi imposti mill-leġislatur fuq il-Qrati fl-Avviż Legali 463/2004, liema obbligu jikkomporta l-konfiska mandatorja tal-flejjes żejda mhux dikjarati, liema obbligu qiegħed hawn jiġi dikjarat li kien illeda d-dritt tar-rikorrent a tenur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

48. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Avukat Ġenerali ma kellux inkun parti mill-proċeduri odjerni, w il-proċeduri odjerni kellhom jiġu indirizzati unikament lill-Avukat tal-Istat.

49. Għalhekk, dina l-eċċezzjonijiet tirriżulta ben motivata w il-Qorti ser tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Avukat Ġenerali, a spejjeż tar-rikorrenti.

**Rimedji**

50. Jirriżulta illi r-rikorrent, fit-tielet u raba' talba, talab lill-Qorti sabiex tagħtih rimedju fejn il-Qorti tordna illi "*jingħata lura s-somma lilu konfiskata ossija l-ekwivalnti llum f'Ewro ta' sitta u għoxrin elf dollaru Amerikan ($26,000)*" kif ukoll kumpens bħala danni.

51. Hawnhekk, il-Qorti tibda billi tosserva illi lir-rikorrent ma ġewx lilu konfiskati s-somma ta' $26,000, kif jallega r-rikorrent, iżda attwalment ġew lilu konfiskati l-ammont ta' €12,864, ossija €9,697.70.

52. Tali żball fid-diċitura tat-talbiet ċertament ma tistax titqies b'mod leġġer minn dina l-Qorti, peress illi hija intiża sabiex tiżvija lil dina il-Qorti fil-fatti, madanakollu ma hijiex ser tqis tali talbiet fin-negattiv minħabba f'tali żball, iżda ser tikkunsidrahom fil-kap tal-ispejjeż.

53. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa għandu jingħata kumpens tad-danni li sofra, imma fil-proċeduri odjerni huwa QATT ma xehed, ma wera lill-Qorti EBDA indikazzjoni dwar x'seta' sofra r-rikorrent u ma ressaq ebda argumentazzjoni, lanqas fi stadju ta' sottomissjonijiet, 'l-għaliex dina l-Qorti għandha tagħti danni fil-każ odjern. Il-mod leġġer kif ġiet trattata tali kawża ċertament ser jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

54. Madanakollu, ladarba jirriżulta illi kien hemm ksur, il-Qorti qiegħda tikkonċedi danni non-pekunjarji fis-somma ta' €300, liema somma għandha titqies flimkien mas-somma ta' flus konfiskati lir-rikorrent, ossija €9,697.70, li ġew meħuda lir-rikorrenti bi ksur tad-drittijiet tiegħu, kif fuq aħjar deskritt.

55. Għalhekk, il-Qorti tqis illi t-tielet u raba' talba għandhom jiġu kkunsidrati favorevolment minn dina l-Qorti, iżda limitatament, kif fuq aħjar deskritt.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti proċesswali kollha ppreżentati quddiemha, u rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati w għalhekk tillibera mill-osservanza ta' ġudizzju lill-Avukat Ġenerali, a spejjeż tar-rikorrenti;

**Tiċħad** il-kumplament tal-eċċezzjonijiet, sa fejn kompatibbli ma' dak li ser jiġi deċiż, u għalhekk:

**Tiċħad** l-ewwel Talba tar-rikorrenti;

**Tilqa’** t-tieni talba limitatament, u dana billi tiddikjara illi l-Avvviż Legali 463/2004 (Regolamenti tal-2004 dwar Rappurtaġġ ta’ Ċaqliq ta’ Flus) li kienet tistabilixxi l-konfiska ta’ l-ammont li jkun eċċeda il-Lm5,000 ossija €11,700 imur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja peress illi ma jħarisx il-prinċipju tal-proporzjonalita’ tal-pieni filwaqt illi:

**Tiċħad** it-tieni talba fejn din kienet tirrigwarda l-multa inflitta fuq ir-rikorrent;

**Tilqa’** it-tielet Talba limitatament billi:

**Tiddikjara** illi l-Avukat tal-Istat għandu jagħti lura s-somma ta’ disat elef, sitt mija u sebgħa u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu (€9,697.70), ekwivalenti għall-ammont ta’ flus ikkonfiskati lir-rikorrent abbażi tal-Avviż Legali 463/2004.

**Tilqa’** ir-raba’ Talba u tiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent għall-ksur tad-drittijiet tiegħu fis-somma ta’ tlett mitt euro (€300), u għalhekk;

**Tikkundanna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta’ **disat elef, disgħa mija u sebgħa u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu (€9,997.70)** bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji, kif fuq aħjar deskritt.

Dwar spejjeż, ir-rikorrent għandu jerfa’ l-ispejjez kollha tiegħu u tal-Avukat Ġenerali filwaqt illi l-Avukat tal-Istat għandu jerfa’ l-ispejjeż tiegħu.

Imgħax huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur